**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI**

**IMHALLEF**

**ONOR. DR. GINO CAMILLERI,LL.D.**

**SEDUTA Tas-6 ta' Lulju, 2001**.

Citazzjoni Numru 159/01GC

**Brittannia Financial Services Ltd.**

**Vs.**

**Ronald u Carmen konjugi German u l-Monsinjur Joseph Dalmas.**

Il-Qorti;

Rat l-att tac-citazzjoni li bih is-socjeta' attrici wara li ppremettiet:-

Illi is-socjeta attrici hija awtorizzata mill-Bank Centrali ta' Malta sabiex tiffunzjona bhala istituzzjoni finanzjarja ai termini tal-artikolu 3(l) tal-Att XXII dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji l994 bil-fakolta fost ohrajn illi ssellef il-flus (Dok. A);

Illi b'kuntratt tad-9 ta' Ottubru, l996 fl-atti tan-Nutar Paul Pullicino (Dok. B), is-socjeta attrici kienet silfet lill-konvenuti is-somma ta' disgha u hamsin elf sitt mija u sittin liri Maltin (Lm59,660) bir-rata ta' imghax ta' tlettax fil-mija (l3%) fis-sena;

Illi skond l-imsemmi kuntratt l-konvenuti kienu obbligaw ruhhom illi jroddu lura din is-somma flimkien mal-imghax

relattiv lis-socjeta attrici sa mhux aktar tard mid-disgha (9) ta' Jannar, l997;

Illi ai termini tal-imsemmi kuntratt il-partijiet kienu qablu illi f'kaz illi l-konvenuti jonqsu milli jroddu lura l-imsemmija somma sad-9 ta' Jannar, l997 r-rata annwali tal-imghax fuq il-bilanc joghla ghall-hmistax punt hamsa fil-mija (l5.5%);

Illi ai termini tal-imsemmi kuntratt bhala garanzija ghall-pagament tas-self in kwistjoni, il-konvenuti kienu ghamlu ipoteka generali favur is-socjeta attrici fuq il-proprjeta kollha taghhom presenti u futuri kif wkoll ipoteka specjali fuq is-segwenti proprjetajiet:-

a) Id-dar bla numru imsemmija "Mimosa" flimkien mal-garage adjacenti li jinsabu go Triq Karmenu Vassallo l-Ilin; u

b) Studio flat li jinsab fl-ewwel sular ta' blokk ta' tlieta bl-isem "Bellavista" gewwa Triq Srug, ix-Xaghra Ghawdex;

Illi barra l-garanziji hawn fuq deskritti, l-konvenut Ronald German kien intrabat illi jaghmel tajjeb ghas-self in kwistjoni minn sehemu tal-wirt, kemm mobbli kif wkoll immobbli, tal-mejjet Joseph German u cjoe missieru, inkluz l-oggetti depositati fil-Mid-Med Bank Ltd. (Illum HSBC Bank Malta plc) go "Safe Deposit Box" numru l24525 kif jidher mid-dokumenti;

Illi b'kuntratt iehor tal-ll ta' Ottubru, l996 fl-atti tan-Nutar Paul Pullicino (Dok. C) il-konvenut l-iehor u cioe il-Monsinjur Joseph Dalmas kien dahal bhala garanti solidali mal-konvenuti l-ohra ghal-hlas tas-self in kwistjoni u permezz tal-istess kuntratt ghamel ipoteka specjali favur is-socjeta attrici fuq is-segwenti proprjetajiet:

a) zewg flats li jifformaw parti minn blokk appartamenti bl-isem "Bellavista" u li jinsabu go Triq Srug gewwa Xaghra Ghawdex; u

b) Fuq l-utile dominium fuq il-perjodu rimanenti fuq il-koncessjoni ghall-mija u hamsin sena (l50) li bdw jiddekorru mill-21 ta' Novembru, l980 fuq flat bin-numru tmienja (8) go blokk bl-isem "Chalto" fi Triq J. Quintinus Qawra;

Illi sussegwentement u cioe permezz ta' kuntratt tas-l9 ta' Mejju, l999 fl-atti tan-Nutar Paul Pullicino tnehha l-ipoteka specjali illi kien hemm a favur tas-socjeta attrici fuq il-flat illi jinsab fis-sular ta' fuq formanti parti minn blokk appartamenti bl-isem "Bellavista" go Triq Srug, ix-Xaghara, Ghawdex a- Dok D.

Illi l-konvenut Dalmas kien hallas permezz ta' cheque numru tnejn u disghin (92) datat 8 ta' Lulju, 2000 is-somma ta' elfejn mitejn u ghaxar liri maltin (Lm2,210), izda dan l-imsemmi cheque ma ssarrafx billi gie "returned to drawer" – Dok. E;

Illi minkejja illi llum ghaddew aktar minn erba' snin minn meta kellu jigi imhallas is-self in kwistjoni kull ma thallas mill-konvenuti kienet is-somma ta' tlet mija u hamsin lira maltin (350), u ghalhekk il-konvenuti solidalment bejniethom huma debituri tas-socjeta attrici ghas-somma komplessiva ta' sitta u sittin elf hamsa u erbghin lira Maltin (Lm66,045) kwantu ghal-disa u hamsin elf tlett mija u ghaxar liri Maltin (Lm59,310) bhala kapital, kwantu ghall-sitt elef seba mija u hamsa u tletin lira maltin (Lm6,735) bhala imghax kalkolabbli bir-rata ta' l4.75% mid-9 ta' April, 2000 sal-l5 ta' Jannar, 2001;

Illi minkejja illi l-istess konvenuti gew interpellati sabiex ihallsu huma baqghu inadempjenti;

Illi dan id-debitu huwa cert likwidu u dovut u fl-opinjoni tas-socjeta attrici l-konvenuti m'ghandhomx eccezzjonijiet x'jaghtu u ghalhekk il-kawza tista tigi deciza ai termini tal-artikolu l67 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Talbet ghalhekk lill-konvenuti jghidu ghaliex din l-Qorti ma ghandhiex:

1) Taqta u tiddeciedi l-kawza ai termini tal-Artikolu l67 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura civili u cioe bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza;

2) Tikkundanna lill-konvenuti sabiex solidalment bejniethom ihallsu is-somma komplessiva ta’ sitta u sittin elf hamsa u erbghin lira Maltin (Lm6,045) kwantu ghall-disa u ghamsin elf tlett mija u ghaxar liri Maltin (Lm59,310) bhala kapital, kwantu ghall-sitt elef seba mija u hamsa u tletin lira maltin (Lm6735) bhala imghax kalkolabbli bir-rata ta’ l4.75% mid-9 ta’ April, 2000 sal-l5 ta’ Jannar, 2001 – kollox skond kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.

Bl-imghax legali ulterjuri tal-l4.75% kalkolat mill-l5 ta’ Jannar, 2001 sal-effettiv pagament, u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-mandat ta’ sekwetru prezentat kontestwalmetn mal-presenti fl-ismijiet premessi, kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat d-dikjarazzjoni guramentata tas-socjeta attrici u n-nota tax-xhieda taghha;

Rat li ic-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenuti li naqsu li jipprezentaw nota ta’ eccezzjonijiet u naqsu milli jidhru ghas-smiegh tal-kawza u hekk baqghu kontumaci;

Ikkonsidrat il-provi prodotti mis-socjeta attrici;

Semghet lill-Avukat tas-socjeta attrici;

Billi mill-provi mhux kontradetti it-talbiet tas-socjeta attrici jirrizultaw pruvati;

Fil-kontumacja tal-konvenuti tiddeciedi billi tilqa it-talbiet attrici bl-imghaxijiet kif mitluba u bl-ispejjes kontra il-konvenuti.

Imhallef

Dep. Registratur